MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 408/2010

**A B**
**vs**

**1. C D**
**2. J S**
**3. Direttur tar-Registru Pubbliku**
**4. Dr. Adrian Camilleri u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil li b'digriet tal-31 ta' Jannar 2011 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri M D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

Illi hija zzewget lil intimat C D fit-18 t'April 1996;

Illi huma kellhom tifel bl-isem I li llum ghandu tlettax-il sena;

Illi huma sseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku datat 14 ta’ Gunju 2010 fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘FF1’;

Illi r-rikorrenti qabel ma ffirmat l-kuntratt ta’ separazzjoni mal-intimat C D kellha u ghad ghandha relazzjoni mal-intimat J S;

Illi meta gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni personali mill-intimat C D ir-rikorrenti kellha xahrejn tqala mill-intimat J S;

Illi minn tali relazzjoni ma’ J S kellhom tifel bl-isem M li twieled fit-28 ta’ Ottubru 2010;

Illi t-tarbija M gie imnizzel fic-certifikat tat-twelid, hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘FF2’, bhala l-wild tar-ragel C D bil-konsegwenza li t-tifel gie mnizzel bhala M D;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-minuri M D bhala l-wild naturali ta’ J S u dana okkorrendo anki permezz tal-hatra ta’ periti nominandi;
2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri M D li jgib in-numru 3531/2010 senjatament mill-kolonna li tirraprezenta ‘isem u konjom il-missier’ ihassar isem ‘C D’ u tordna li jigu sostitwiti bl-isem il-missier naturali u cioe` ‘J S’ u dettalji ohra relattivi u tordna u tawtorizza kull modifika ohra fid-dawl tal-ewwel talba u jekk ikun mehtieg f’kull att iehor relattiv u sussegwenti;
3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri M D li jgib in-numru 3531/2010 izid ukoll il-kunjom tar-rikorenti sabiex il-minuri jgib kemm il-kujom ta’ missieru naturali kif ukoll il-kunjom ta’ ommu naturali.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *n forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illli preliminarjament, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri M D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri M D, kienet wettqet adulterju ma' l-intimat C D u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-J S bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri M D, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri M D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;

4. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Adrian Camilleri u l-PL Jean Pierre Busuttil li n forza taghha huma eccepew:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti tal-fatti u ghalhekk jirrizervaw illi jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri meta u jekk ikunu edotti mill-istess fatti.

2. Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri skont kif permess mill-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Adrian Camilleri u il-PL Jean Pierre Busuttil;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ta' denegata paternita' *stante* li l-attrici tikkontendi li ghalkemm il-minuri M twieled fiz-zwieg u ghalhekk, gie mnizzel fic-certifikat tat-twelid tieghu li huwa l-wild naturali tal-intimat C D, fil-fatt, l-istess minuri huwa l-wild naturali tal-intimat l-iehor J S u ghalhekk talbet lill-Qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jibda jirrispekkja l-verita' tal-identita' tal-missier naturali tieghu.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li t-twelid tal-minuri M sehh meta ma kienx ghadu ghadda z-zmien stabbilit mill-ligi *ai termini* tal-Artikolu 77 tal-Kap. 16 sabiex tali wild ma

jitqiesx bi presunzjoni li tohrog mill-ligi stess bhala l-wild naturali tar-ragel tal-attrici, u dan ghaliex filwaqt li l-attrici u l-intimat C D sseparaw fl-14 ta' Gunju 2010 permezz ta' kuntratt pubbliku redatt fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono[1], il-minuri M twieled fit-28 ta' Ottubru tal-istess sena[2].

L-attrici permezz tal-affidavit taghha tghid li l-intimat zewgha C D hareg mid-dar matrimonjali fl-ahhar ta' Ottubru 2009 u qatt ma rega' dahal fid-dar matrimonjali[3], u illi kien disa' xhur wara li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni msemmi aktar 'il fuq. L-attrici tghid li hi r-relazzjoni taghha mal-intimat l-iehor J S bdiet meta zewgha kien diga' hareg mid-dar. Tghid ukoll li c-certifikat tat-twelid tal-minuri ghandu jirrispekkja l-verita', anke tenut kont tal-fatt li l-istess minuri jixbah hafna lill-intimat J S.

L-intimat J S, permezz tan-nota tieghu datata d-19 ta' Mejju 2011[4], iddikjara li huwa l-missier naturali tal-minuri M.

Il-Qorti tirrileva li dwar il-paternita' tal-minuri hemm prova sufficjenti *ai termini* tal-Artikolu 77(b) tal-Kap 16 li l-istess minuri huwa verament il-wild naturali ta' J S u dan kif jirrizulta ahjar mid-DNA *test*[5] ipprezentat in atti.

Illi in vista tax-xiehda li giet prodotta, in vista tan-nota li permezz taghha l-intimat J S ddikjara li huwa l-missier naturali tal-minuri M D u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jigi applikat l-Artikolu 77(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:
(1) tiddikjara li l-minuri M D huwa l-wild naturali ta' J S;

---

[1] Esebit a fol 5 tal-process
[2] Esebit a fol 10 tal-process
[3] Ara a fol 40 tal-process
[4] Esebita a fol 48 tal-process
[5] Li gie prezentat fid-9 ta' Mejju 2012

(2) tordna lill-intimat J S sabiex jispecifika d-dettalji kollha tieghu lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku;
(3) tordna lill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-korrezzjonijiet kollha necessarji sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri M D li jgib in-numru 3531/2010 jibda jirrifletti u juri li l-istess minuri huwa l-wild naturali ta’ J S;
(4) tordna li flimkien mal-kunjom tal-istess missier naturali u cioe’ S jigi mizjud ukoll kunjom l-omm sabiex kunjom il-minuri ghandu jibda jaqra bhala M S B.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut J S fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------